KUNSILL LOKALI TA' XBIEX

MINUTI

Id-disa' Legislatura - SEDUTA Nru. 07

Il-Hamis, 27 ta' Marzu, 2025

Il-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex ltaqa' fl-Ufficcju tieghu, 18A, Triq l-Imradd, Ta' Xbiex, fil-5.00 p.m.

PREZENTI

Kienu prezenti s-Sindku Max Zammit u l-Kunsillieri Louise Cachia Castelletti, Gino Muscat u Ronald Portelli.

Il-Vici Sindku Sarah Borg infurmat li kienet xoghol u ghalhekk giet skużata.

TALBA

Is-Sindku qal it-talba.

Sindku: Max Zammit, Vici Sindku: Sarah Borg,
Kunsilliera: Louise Cachia Castelletti, Gino Muscat, Ronald Portelli

Ta' Xbiex Local Council, 18A, Triq l-Imradd, Ta' Xbiex, MALTA, EUROPE
Tel:00356 21338844 Fax: 00356 21338877 email: taxbiex.lc@gov.mt

1. MINUTI

1.1 Il-minuti tas-Seduta Nru. 06 li saret nhar it-Tlieta, 28 ta' Jannar, 2025, kienu approvati.

2. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

2.1 Il-Vici Sindku, Sarah Borg infurmat li kienet xoghol u ghalhekk giet skuzata.

3 HWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI

3.1 ***Applikazzjoni tas-CIES scheme***: Is-Sindku informa li kienu applikaw tlieta ghas-sejha li kienet harget Jobsplus ghal attendant mal-public convenience. Minn dawn it-tlieta li gew ghall-interview, tnejn deheru interessati. Meta l-A/Segretarju Ezekuttiv tkellem mal-persuna li wera l-aktar interess, dan informa li qieghed jistenna risposta minn post tax-xoghol x'imkien iehor u hu kien xtaq imur hemm. Il-Kunsill tkellem mieghu ghat-tieni darba u ghadha ma gietx risposta lura. Dwar it-tieni persuna, ghalkemm wera interess, jidher li m'ghandux l-ahjar karattru meta jkollu kuntatt man-nies. Ghalhekk kien hemm qbil li l-Kunsill jinforma lil Jobsplus sabiex tintbghat lista ohra ta' nies interessati. Sadanittant, is-Sindku informa li kien qed jahdem mal-Cleansing Dept dwar il-possibilta' li persuna minn dan id-Dipartiment tkun assenjata ma' din il-latrina.

3.2 **Skema SPI.SCI.03.2025 – Lokalitajiet aktar nodfa**: Is-Sindku informa li l-Kunsill kien se japplika biex jipparteċipa f'din l-iskema. Huwa informa li r-Regjun Lvant kien ippropona sabiex jiġu nstallati ballot bins sabiex fihom jinġabru l-loqom tas-sigaretti. Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill japplika ghal dawn.

3.3 **Deferred Income**: Il-Kunsill ra li l-progett tal-Galleriji fi Triq ir-Rampa kien ghadu ma bediex ghax il-permess ghadu ma harigx mill-PA. Ghal dan il-progett u li hu abbinat ma' skema SPI/SCI/09/2022, il-Kunsill inghata €60,075. Dan l-ammont ghandu jibqa' jidher bhala Deferred Income.

4 ISMIJIET TAT-TOROQ

4.1 Is-Sindku informa li l-Kumitat ghat-Tismija tat-Toroq, xi snin ilu ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill Lokali dwar xi avariji li kien hemm f'numri ta' bibien f'Ta' Xbiex. Per eżempju fi Triq ix-Xatt, fejn parti hija ma' Ta' Xbiex u parti hija mal-Imsida, hemm numri ta' bibien li huma ripetuti u jridu jinbidlu. Kien hemm qbil unanimu li n-numri ghandhom jibdew mill-Knisja tal-Imsida u jibqghu sejrin sal-ahhar ta' Ta' Xbiex.

4.2 Hemm ukoll imsemmija Toroq Emanuel Galizia, id-Deffa, Temi Zammit u Pietru Pawl Debono. Dwar Triq Emanuel Galizia kien hemm qbil li tinbidel il-parti fejn hemm il-garages. Dwar it-toroq l-ohra ghandha tintalab aktar informazzjoni lill-Kumitat ghat-Tismija tat-Toroq.

5 OBJECTORS..PROGETT TAL-KUNSILL

5.1 Is-Sindku qal li dwar il-Progett tal-galleriji fi Triq ir-Rampa kien hemm xi oggezzjonijet fosthom minghand ir-residenti ta' "Villa Sunshine" li qed jghidu li l-art hija taghhom u r-residenti ta' "Rochdale" minhabba issues ta' safety. Il-Kunsillier Muscat qal li l-perit kellu jiċċekkja jekk ir-rampa hix tal-Gvern jew le. Is-Sindku qal li l-Kunsill ghandu jistenna r-risposta tal-Perit.

6 KORRISPONDENZA

6.1 Il-Kunsill qabel mal-proposti li jibdew jinġabru l-ID cards mill-ufficcju tal-Kunsill kif ukoll jithallsu l-kontijiet tal-ARMS fil-Kunsill, jekk u meta dawn is-servizzi jidhlu fis-sehh.

7 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

7.1 ***Laqgha mal-GHRC***: Is-Sindku qal li flimkien mal-Vici Sindku u l-A/Segretarju Ezekuttiv kienu iltaqghu mal-GHRC dwar il-Progett tax-Xatt. Gie maqbul li l-progett dwar l-access ghal kulhadd ghal bahar ikun inkorporat ukoll fil-progett li ser ikun qieghed isir mill-GHRC.

7.2 ***Kunsill tat-Tfal***: Is-Sindku qal li l-E.T. Marie-Louise Coleiro Preca ghamlet kuntatt mal-Kunsill sabiex theggeg li jkun hemm Kunsill tat-Tfal fil-lokalita'. Huwa qal li tkellem mal-Kunsillier Cachia Castelletti u kienu nstabu żewġt itfal li wrew ix-xewqa li jipparteċipaw. Saret l-ewwel laqgha b'dawn it-tfal u hargu xi idejat interessanti. Ghalkemm fil-lokalita' hemm nuqqas ta' tfal, hemm il-bzonn li din l-inizjattiva tiġi reklamata aktar fuq facebook, id-duttrina etc..Kien hemm suġġeriment ukoll li jekk in-numru ta' tfal jibqa' zghir, dawn jinghaqdu mal-lokalita' tal-Imsida. Il-Kunsillier Cachia Castelletti qalet li l-Kunsill ghandu jkompli jfittex aktar tfal iżda llum huwa diffiċli hafna ghal parents li jduru bit-tfal ghal dawn l-inizjattivi.

7.3 ***Rigal lill-Kappillan***: Is-Sindku ppropona li jinghata rigal ta' apprezzament lill-Kappillan tas-servizz tieghu fost il-komunita' ta' Ta' Xbiex fejn serva ghal numru ta' snin. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

8 MISTOQSIJIET

8.1 Il-Kunsillier Muscat qal li kien hemm deċiżjoni tal-Qorti li kkonkludiet li l-binja li qed tinbena fit-triq ta hdejn il-gnien hija llegali. Huwa qal li din qed taffetwa lir-residenti ta' Ta' Xbiex u bhalissa qed tinġabar petizzjoni u staqsa lill-Kunsill biex din tiġi ffirmata. Is-Sindku qal li la l-issue mhix fil-lokalita' ta' Ta' Xbiex, il-Kunsill m'ghandux jidhol fiha. Il-Kunsillier Cachia Castelletti qalet li ghalkemm mhux fil-lokalita' ta' Ta' Xbiex, din xorta qed taffetwa lir-residenti ta' Ta' Xbiex. Is-Sindku u l-Kunsillier Portelli qablu li ghalkemm hemm qbil li din il-binja titwaqqa', din hija issue tal-Gzira u l-Kunsill m'ghandux jidhol fiha.

8.2 Il-Kunsillier Cachia Castelletti qalet li l-applikazzjoni ghall-attivita' Connecting through Culture kienet dahlet u kienu qeghdin jintbghatu l-ittri rilevanti.

8.3 Il-Kunsillier Cachia Castelletti infurmat li bhala parti mill-European Artistic Crafts Day, ser issir exhibition ta' pottery fil-Kunsill, fil-5 t'April bejn l-10.00 u l-16.00

8.4 Il-Kunsillier Cachia Castelletti qalet li qed ikun hawn hafna rapporti ta' overspeeding fi Triq Abate Rigord u dan ghad-detriment tas-sigurta' tar-residenti. Dan ukoll f'toroq ohra bhal Testaferrata u Giuseppe Cali. Hija qalet li ghandu jsir aktar patrol f'dawn it-toroq u jiġi kkunsidrat l-installazzjoni ta' speed humps. Is-Sindku qal li hu kien jaqbel li ghandu jiżdied il-patrol f'dawn iz-zoni. Kien hemm qbil li din l-issue titqajjem f'laqgha ohra mal-community police.

8.5 Il-Kunsillier Cachia Castelletti qalet li Triq il-Watar hija one-way u li hafna drabi ma tiġix osservata. Kien hemm qbil li l-community police jiġu nfurmati b'dan ukoll.

8.6 Il-Kunsillier Cachia Castelletti issuġġeriet li jsiru 'bird baths' matul ix-xatt. Dawn ikunu bowls bl-ilma minfejn l-ghasafar ikunu jistghu jixorbu. Il-Kunsillier Portelli qabel ma' din il-proposta. Is-Sindku u l-Kunsillier Muscat semmew il-problema li dawn jistghu jattiraw aktar hamiem kif ukoll il-problema li wara ftit l-ilma ta' go dawn il-bowls isir qieghed u jibda jattira l-insetti. Il-Kunsillier Cachia Castelletti qalet li hemm nies mil-lokal li huma lesti jiehdu hsieb dawn il-bird baths. Is-Sindku ssugerixxa li biex dan jinbeda, issir wahda fuq is-saqaf tal-Public Convenience u jkunu jistghu jiehdu hsiebha il-haddiema tal-Kunsill.

9 APPROVAZZJONI TAL-HLASIJIET FIX-*SCHEDULE OF PAYMENTS*

9.1 Is-Sindku ssekondat mill-Kunsillier Portelli, ressaq mozzjoni sabiex jigi approvat il-hlas tal-pagamenti li huma mnizzla fuq ix-*Schedule of Payments* Nru. 106. Il-mozzjoni ghaddiet *nem.con.*

Kien hemm ukoll qbil unanimu li jinghata l-massimu tal-Performance Bonus ghas-sena 2024 lill-ex Agent Segretarju Ezekuttiv, is-Sur Kurt Guillaimier.

10. TMIEM

10.1 Fit-8.15pm intemmet is-Seduta.

Simon Cauchi
Agent Segretarju Ezekuttiv

Konfermati:

Max Zammit
Sindku